

# IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM TAL-ĦILIET TAL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA

## LIVELL 5

## IT-TIELET SENA / INDUCTION

| | It-Taħdit |
|---|---|
| 1 | Nuża espressjonijiet ta’ kuljum f’taħdita qasira, mal-għalliema jew mal-ħbieb b’vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi.<br>*Eż espressjonijiet komuni bħal ngħidu aħna: bonġu, saħħa, grazzi, m’hemmx imniex, għandi pjaċir u l-lejl it-tajjeb.* |
| 2 | Nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet b’vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi f’sitwazzjonijiet ta’ kuljum li jeħtieġu bdil jew twassil ta’ informazzjoni fuq suġġetti oħrajn bħal xi nħobb, lil min naf, l- affarijiet li għandi u l-bqija. |
| 3 | Nagħti struzzjonijiet b’vokabularju bażiku u frażjiet sempliċi i li ma jkunx fihom aktar minn 4 verbi fl-Imperattiv pożittiv li jistgħu jinkludu riċetta u struzzjonijiet oħra li niġi bżonn ta’ kuljum bħal meta nispjega attività fil-klassi jew fl-iskola lil sieħbi li falla l-iskola. |
| 4 | Nagħti direzzjonijiet lil xi ħadd biex ngħinu jasal minn post għal ieħor ta’ mhux aktar minn 4 punti bħal kif jasal minn post għal ieħor fl-iskola u fl-inħawi tal-madwar. |
| 5 | Nuża n-numri bażiċi u l-prezzijiet li jinkludu l-waħdiet u l-għaxriet f’taħditiet sempliċi, ta’ kuljum li jistgħu isiru waqt role play jew sitwazzjonijiet fil-klassi jew attività barra mill-iskola. |
| 6 | Nuża vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi dwar it-temi li tgħallimt u li qed nitgħallem biex nikkomunika bħal ngħidu aħna nitkellem ma’ sħabi waqt il-ħin tal-ikel fl-iskola jew dwar il-ħwejjeġ li nħobb nilbes. |
| 7 | Nuża kliem u frażijiet sempliċi bil-għan li niddeskrivi lili nnifsi, l-familja tiegħi, l-akbar ħabib tiegħi jew l-annimal li nrabbi. |
| 8 | Nieħu sehem f’konverżazzjoni sempliċi sakemm il-persuna l-oħra titkellem bil-mod u tirrepeti biex nifhem aħjar u s-suġġett ikun marbut mat-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem. |
| 9 | Nidħol f’konverżazzjoni fejn nintroduċi ruħi u nuża espressjonijiet bażiċi biex nagħti merħba, nilqa’ jew insellem lil xi ħadd meta kun l-iskola jew f’sitwazzjonijiet oħra barra mill-iskola. |
| 10 | Nuża strutturi grammatikali f’sentenzi sempliċi li jkunu ġew mgħallma lili minn qabel. |

| | Is-Smigħ |
|---|---|
| 1 | Nifhem espressjonijiet ta' kuljum li jittrattaw eżiġenzi sempliċi u konkreti f'taħdita ċara, bil-mod u ripetittiva. *Eż. espressjonijiet komuni bħal ngħidu aħna:bonġu, saħħa, grazzi, m'hemmx imniex, għandi pjaċir u l-lejl it-tajjeb.* |
| 2 | Nifhem mistoqsijiet li jsiruli b'mod sempliċi , ċar u bil-mod dwari nnifsi u oħrajn bħal xi nħobb, lil min naf, l- affarijiet li għandi u l-bqija bl-użu tal-ġesti. |
| 3 | Nifhem struzzjonijiet li ma jkunx fihom aktar minn 4 verbi fl-Imperattiv pożittiv li jistgħu jinkludu riċetta u struzzjonijiet oħra imwassal lili b'mod ċar, bil-mod u bl-użu tal-ġesti/ għajnuna tal-viżiv bħal kif nipprepara ruħi għal attività fil-klassi jew fl-iskola. |
| 4 | Nifhem direzzjonijiet li jgħinuni nasal minn post għal ieħor ta' mhux aktar minn 4 punti imwassal lili b'mod ċar u bl-użu tal-ġesti/ viżiv dwar postijiet fl-iskola li nattendi jew fl-inħawi tal-madwar. |
| 5 | Nifhem in-numri bażiċi u l-prezzijiet li jinkludu l-waħdiet u l-għaxriet, imwassla lili b'mod ċar u bil-mod waqt *role play* fil-klassi jew attivitajiet simili. |
| 6 | Nifhem kliem li huwa ta' relevanza għall-ħajja tiegħi ta' kuljum bħal ngħidu aħna kliem bażiku li għandu x'jaqsam mal-ikel, il-ħwejjeġ, il-familja u l-post fejn ngħix jew l-iskola. |

| | Il-Qari |
|---|---|
| 1 | Naqra kliem li qatt ma nkun iltqajt miegħu qabel billi ngħaqqad ħoss ma' ieħor, ngħaqqad u naqsam f'sillabi u b'hekk naqra sentenzi jew kitbiet qosra. |
| 2 | Waqt li naqra nifhem kliem bl-għajnuna tal-viżwal. |
| 3 | Naqra u nifhem testi mibnija minn sentenzi qosra u sempliċi marbuta mat-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom megħjuna minn simboli u stampi. |
| 4 | Naqra u nifhem frażijiet sempliċi fuq avviżi qosra, użati f'sitwazzjonijiet ta' kuljum bħal fit-toroq, f'ristoranti, f'postijiet pubbliċi, fl-iskola jew il-post tax-xogħol li jistgħu jkunu megħjuna b'simboli jew bi stampi. |
| 5 | Naqra n-numri bażiċi u l-prezzijiet li jinkludu l-waħdiet, l-għaxriet meta f'testi ma jkunux miktuba fi kliem. |
| 6 | Nifhem l-idea ġenerika ta' siltiet sempliċi ta' informazzjoni u deskrizzjonijiet qosra u sempliċi ta' madwar 80 kelma, speċjalment dawk li fihom stampi bħala għajnuna, *eż. Kartellun, kartolina, skeda fuq gazzetta, powster għat-tfal*. |

| | **Il-Kitba** (It-tul tal-kitba - 50 kelma) |
|---|---|
| 1 | Nikteb postkard lill-ħbieb tiegħi dwar fejn qed noqgħod f'Malta |
| 2 | Nikteb kliem u frażijiet dwar l-ikel, l-ilbies, l-annimali, l-iskola u l-post fejn ngħix. |
| 3 | Nikteb nota qasira dwar fejn qiegħed xi oġġett jew oġġetti anke bil-għajnuna ta' stampa jew stampi, *eż. iċ-ċavetta qiegħda fuq il-mejda, il-ktieb qiegħed fuq l-ixkaffa.* |
| 4 | Nikteb lista tal-affarijiet li għandi fil-basket tal-iskola u listi ta' affarijiet oħra dwar it-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom. |
| 5 | Nikteb 10 punti ta' informazzjoni (normalment nom+aġġettiv) biex niddeskrivi eż. it-temp (temp sħun, jum xemxi, ajru msaħħab, jum bix-xita, lejl bir-riħ); il-kundizzjonijiet tat-traffiku (staġnat, wieqaf, triq vojta, ma ssibx tipparkja); l-ambjent (ġnien nadif u organizzat, bini qadim u maħmuġ). |
| 6 | Nimla formola bid-dettalji personali tiegħi, *eż. isem u kunjom, indirizz f'Malta, skola li nattendi, kemm għandi żmien, meta ġejt Malta, liema lingwi naf, eċċ.* |
| 7 | Waqt li nikteb nuża aspetti tal-metalingwa li nkun tgħallimt minn qabel. |
| 8 | Nimla l-vojt biex niddeskrivi karattru jew post. |
| 9 | Nikteb paragrafu bbażat fuq sett ta' frażijiet mogħtija. |

| **It-temi li madwarhom għandhom jiġu żviluppati il-kisbiet huma:** | |
|---|---|
| L-iskola | Il-post fejn ngħix |
| L-ikel | L-ilbies |
| Il-familja | L-annimali |